Il-Bissima
Tal-Gioconda

1732 1960

# Manoel Theatre

CREMONA

14

# TEATRU MANOEL

**IL-KUMPANNIJA TAL-PROZA**

# "CACHIA"

**(FUNDATUR WATTY CACHIA)**

*Tippreżenta*

# "IT-TBISSIMA TAL-GIOCONDA"

**Tliet Atti ta'**

**ALDOUS HUXLEY**

***Maqluba għall-Malti***

***minn***

***CHARLES ATTARD***

**Is-Sibt, 4 ta' Novembru; il-Ħadd, 5 ta' Novembru, 1961.**



*WATTY CACHIA*

# LIL WATTY CACHIA

F'ħajtek kont nafek ġwejjed, taħdem ħiemed:
ras ta' familja, ċittadin onest;
bieżel għal ħobżtok bla ma twaqqa' 'l ġieħek,
dejjem fuq kollox għat-tbissima lest.

Smajtek fil-knejjes b'leħen ħlejju tfaħħar
ill Min tassew jistħoqqlu kull tifħir;
ħassejt ġo fija l-hena, u rajt fis-sewwa
s-sliem li fik, bla ħabi, kien wisq kbir.

Kont miegħek, u mhux darba, inxandar leħnek
fi ġrajjiet li qatt bħalhom ma ssemmew:
issa setgħan, issa kollok qdusija
u issa mgħaddab bil-qilla u mitluf sew.

Iżda x'ħin rajtek fuq il-palk tinbidel
fil-persunaġġi li bil-ħajja mlejt,
intbaħt bil-kobor tiegħek li kien moħbi
u lejk ersaqt u 'l ħiltek dlonk ħabbejt.

Issa ma għadekx hawn magħna, f'dan it-Tempju
ta' l-arti, għax Qawwa ikbar resqet lejk;
riedek fi ħdanu Min għaniek bil-ħila
u minn idejh dehen ikbar tak f'idejk.

Aħna li bqajna wrajk inġeddu l-ġrajja
ta' l-Ideal li f'qalbek sħiħ żammejt,
nagħtuk tislima b'dit-tifkira ċkejkna,
u ismek innaqqxu fejn ġieħ kbir ħallejt.

V.M. Pellegrini



# IT-TBISSIMA TAL-GIOCONDA

"IT-TBISSIMA TAL-GIOCONDA" huwa x'aktarx thriller għaliex fih naraw delitt, naraw wieħed ikkundannat għal mewt u ħabib tiegħu li jsostni li l-kundannat huwa bla ħtija; jonqos biss li jidher id-detective tas-soltu biex jinkixef il-każ, imma dan, jinkixef waħdu bla ma d-detective jieħu sehem.

Henry Hutton huwa raġel sinjur, raġel ta' kultura u artista fl-istess ħin. Li kieku Henry ma kellux il-ħsieb ta' martu, Emily, li kienet ilha marida żmien twil, kieku kien jista' jgħid li huwa l-aktar bniedem ħieni li hawn fid-dinja. Ħabiba tiegħu u ta' martu, hemm Janet Spence. L-anġlu li kien qiegħed iżomm il-paċi f'dil-familja. Għalkemm Janet ma kienitx żagħżugħa, għal Henry, kella dak kollu li Emily m'għarfitx tagħtih; barra minn dan, kienet mara kolta, ħelwa fil-manjieri tagħha u kellha ammirazzjoni kbira għal arti, ħwejjeġ li kienu jogħġbu tassew lil Henry. Ħaġa waħda kellha li ma kienitx togħġob lil Henry, id-dbissima misterjuża li kienet tidher fuq xuftejha, l-istess dbissima tal-Gioconda.

Miss Braddock, infermiera, kienet qegħda tieħu ħsieb Emily b'attenzjoni kbira. Ma' Henry ma tantx kellha grazzja. Fir-raġel, Miss Braddock kienet tara għadu qalil tal-mara. Barra minn dan, hija kellha suspetti koroħ dwar Henry li għalkemm dawn kienu x'aktarx esaġerati, ma kienux barra minn lokhom għal kollox. Henry, kellu xbejba ħabiba tiegħu, Doris Mead; relazzjoni li aktarx kienet ta' ħbiberija; din, kienet tiswielu biex itajjar id-dwejjaq li kellu fil-familja. Lejla waħda, waqt li l-Infermiera kienet barra bil-frank, Henry joħroġ ma' Doris u meta jerġa' lura jsir jaf mit-tabib u minn Janet li Emily mietet f'salt wieħed. Fl-opinjoni tat-tabib u ta' Henry, il-mewt ta' Emily x'aktarx li ġiet ikkaġunata minn żball li għamlet l-Infermiera meta tat xi ikel lil marida kontra dak li ordna t-tabib.

Wara ftit ġimgħat Henry u Doris jinsabu miżżewġin. Quddiem dawn it-tnejn, issa, feġġet ħajja ġdida. Miss Braddock ma tistax tkun konvinta li l-mewt ta' Emily kienet naturali u għalhekk twassal is-suspetti tagħha f'widnejn il-pulizija. Henry, issa jinsab f'riġlejn il-forka.

CHARLES ATTARD

## PERSUNAĠĠI

| | |
|---|---|
| *Henry Hutton* | Joe Fenech |
| *Janet Spence* | Mary C. Camilleri |
| *Nurse Braddock* | Mary Attard Gouder |
| *Clara* | Inez Farrugia |
| *Doris Mead* | Gemma Portelli |
| *Dr. Libbard* | Victor Tedesco |
| *General Spence* | Frank Ganado |
| *Maid* | Lina Attard |
| *Kalzrier* (1) | Paul Portelli |
| *Kalzrier* (2) | Harold Farrugia |

## DIREZZJONI

| | |
|---|---|
| *Direttur tal-Palk* | Charles Attard |
| *Direttur tax-Xena* / *Dekor* | C.L. DeBono Portanier |
| *Irtokk* | Joseph P. Borg |
| *Suggeritur* | John Scerri |

*PRODUCER* — M.C. CACHIA.

*DIRETTUR* — CHARLES CAMILLERI.

*MANOEL THEATRE STAFF*

*Head Electrician*, Charles Tabone; *Assistant Electrician*, John Laus; *Stage Carpenter*, Joseph Borg.

Għamara ġentilment mislufa minn T. Vassallo (Antiques) Valletta.




*MARY CACHIA CAMILLERI*

# "IT-TBISSIMA TAL-GIOCONDA"

## L-EWWEL ATT

*L-EWWEL XENA*

*Sala fid-dar ta' Mr. Huttons, fil-kampanja. Il-hin, Nofs inhar, jum fil-bidu ta' Mejju.*

*IT-TIENI XENA*

L-istess xena. *F'nofs il-lejl, fl-istess jum.*

## IT-TIENI ATT

L-EWWEL XENA

L-istess xena ta' l-Ewwel Att. *Filgħaxija, fix-xahar ta' Gunju.*

IT-TIENI XENA

L-istess xena. *Wara nofs in-nhar, fix-xahar ta' Lulju.*

## IT-TIELET ATT

L-EWWEL XENA

*Sala fid-dar ta' Janet Spence, wara nofs in-nhar, fix-xahar ta' Ottubru.*

IT-TIENI XENA

*Ċella fil-ħabs. Wara nofs in-nhar tal-għada.*

IT-TIELET XENA

*Fid-dar ta' Janet Spence. Fit-tard, fil-lejl tal-għada.*

IR-RABA' XENA

*Fiċ-ċella; fl-istess lejla.*

IL-ĦAMES XENA

*Fid-dar ta' Janet Spence, l-għada filgħodu kmieni.*

# XOGĦLIJIET IPPREŻENTATI MILL-KUMPANNIJA TAL-PROŻA *"CACHIA"* 1953 - 1961



Xena mid-"DELL TAD-DESTIN"
Mary Camilleri, Nestor Cachia, Watty Cachia.

## Xogħol ta' Charles Attard

MADAME X — Teatru Orpheum 28. 5.53.
MADAME X — Teatru Orpheum 13. 6.53.
MADAME X — Teatru Orpheum 27. 6.63.
IŻ-ŻEWĠ ILTIEMA — Teatru Orpheum 10.10.53.
IŻŻEWĠ ILTIEMA — Teatru Orpheum 7.11.53.
CAMILLE — Teatru Orpheum 26.12.53.
CAMILLE — Teatru Manoel 23. 1.54.
MADAME X — Knights Hall 13. 6.54.
IL-GĦADU — Teatru Orpheum 11.12.54.
MADAME X — Radio City 4. 6.55.
CAMILLE — Radio City 27.10.57.
IL-GĦADU — De Porres Hall 15.12.57.
L-OMBRA — Radio City 8. 2.58.
MA KENITX MEWTA — De Porres Hall 23.11.58.
IŻ-ŻEWĠ ILTIEMA — De Porres Hall 3. 1.59.
IŻ-ŻEWĠ ILTIEMA — De Porres Hall 4. 1.59.
IL-MEJTA EDWINA BLACK — De Porres Hall 7. 6.59.
IL-MEJTA EDWINA BLACK — De Porres Hall 13. 6.59.
TOSCA — De Porres Hall 6. 1.61.
TOSCA — De Porres Hall 7. 1.61.

## Xogħol ta' Fr. H. Born

ID-DELL TAD-DESTIN — Teatru Orpheum 27. 3.54.

## Xogħol ta' Twanny Scalpello

KIEN ĦATI? — De Porres Hall 15. 2.59.
DAR IX-XJUĦ, ta' Ivo Muscat-Azzopardi. De Porres Hall.
KIEN ĦATI? — Radio City 26. 5.59.
IL-BERITTA L-BAJDA TA' BIL-LEJL — ta' A. Cassola, De Porres Hall.